# MUŻIKA MUŻIKA 2024

## Introduzzjoni

Il-Kumitat Organizzattiv ta' Mużika Mużika, taħt l-awspiċi ta' Festivals Malta, għandu pjaċir iniedi t-tielet edizzjoni ta' "MUŻIKA MUŻIKA" bil-għan li jingħataw aktar opportunitajiet lill-kompożituri, l-awturi, il-kantanti, u l-bands li jiktbu u jinterpretaw kanzunetti bil-Malti.
Il-Festival ser isir bejn l-erbatax (14) ta' Marzu u s-sittax (16) ta' Marzu 2024 ġewwa ċ-Ċentru tal-Fieri u l-Konferenzi (MFCC), Ta' Qali.

Il-Festival huwa organizzat minn Festivals Malta taħt il-patroċinju tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

## Votazzjoni - Votazzjoni b'SMS, Ġurija u Tqassim tal-punti

Il-votazzjoni ser issir waqt is-serata tas-semifinali nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024, u terġa' tinfetaħ għas-serata finali nhar is-Sibt 16 ta' Marzu 2024. L-udjenza u l-ġurija (li jkunu differenti fuq iż-żewġ ġranet) huma mitluba jivvutaw għall-kanzunetta favorita tagħhom, fejn finalment jintgħażlu tnax (12)-il kanzunetta finalista l-Ħamis, u l-kanzunetta rebbieħa s-Sibt.

Biex jiġi evitat id-dubju, 'vot' ifisser vot validu li jingħata bl-SMS, filwaqt li 'punt' jirreferi għall-punti li tagħti l-ġurija jew għall-punti li jiġu mqassma permezz tal-formula hekk kif spjegata iktar 'l quddiem (ara 'Tqassim ta' Punti') li tinħadem mill-voti tal-pubbliku.

## Voti b'SMS

Il-votazzjoni tagħlaq il-Ħamis wara s-semifinali u terġa' tiftaħ is-Sibt għas-serata finali. L-għoxrin (20) kanzunetta semifinalista ser jiġu mgħotija numru abbinat mal-kanzunetta skont l-ordni li ser ikantaw fiha l-Ħamis, filwaqt li t-tnax (12)-il kanzunetta finalista ser ikunu qed jingħataw numru ġdid is-Sibt skont l-ordni li ser ikunu ser ikantaw fiha fil-finali. Il-votazzjoni b'SMS ser tkun qed tinfetaħ mill-preżentaturi fil-bidu nett tas-serata u tagħlaq madwar għoxrin (20) minuta wara li tkun tkantat l-aħħar kanzunetta.
L-ebda votazzjoni m'hija marbuta mal-Lejla tal-Klassiċi.

L-udjenza tista' tivvota sa massimu ta' darba waħda (1) għal kull kanzunetta, f'kull serata (Semifinali u Finali).

## Ġurija

Il-bord tal-ġurija jikkonsisti minn disa' (9) membri nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu u disa' (9) membri tal-ġurija nhar is-Sibt 16 ta' Marzu. It-tim tal-produzzjoni se jkun qed jaħtar membru ieħor tal-ġurija f'każ li membru ieħor ma jkunx jista' jattendi.

L-ebda membru tal-ġurija m'għandu jkun konness b'xi mod jew ieħor ma' xi waħda mill-kanzunetti tal-kompetizzjoni jew ma' wieħed/waħda mill-kantanti, awturi jew kompożituri sabiex il-ġurija tkun tista' tivvota b'indipendenza sħiħa u imparzjalità matul il-votazzjoni.

Il-membri kollha tal-ġurija se jkunu qed jiltaqgħu biss dakinhar tas-semifinali u dakinhar tal-finali. Il-ġurija se tkun qed issegwi l-prestazzjoni live tas-semifinali u tal-finali f'żona għaliha fl-MFCC fejn imbagħad ikunu jistgħu jivvutaw. Il-membri kollha tal-ġurija ser ikunu qegħdin jingħataw il-karta tal-votazzjoni flimkien ma' dokument ieħor fejn huma mitluba jimlew formola li fiha jikkonfermaw li jikkonformaw mal-istruzzjonijiet marbuta mal-proċess tal-votazzjoni. Kull membru huwa mitlub jiddikjara li bl-ebda mod ma' huwa konness b'xi mod jew ieħor ma' xi waħda mill-kanzunetti tal-kompetizzjoni jew ma' wieħed/waħda mill-kantanti, awturi jew kompożituri sabiex il-ġurija tkun tista' tivvota b'indipendenza sħiħa u imparzjalità matul il-votazzjoni.

## Tqassim tal-Punti

Biex jiġi evitat id-dubju, "vot" ifisser vot validu li jingħata bl-SMS, filwaqt li "punt" jirreferi għall-punti li tagħti l-ġurija jew għall-punti li jiġu mqassma permezz tal-formula segwenti li tinħadem mill-voti tal-pubbliku.

Kull membru tal-ġurija se jkun qed jagħti l-punti [1,2,3,4,5,6,7,8,10,12]. It-total ta' dawn il-punti huwa ta' tmienja u ħamsin punt (58) għal kull membru tal-ġurija.

Il-pubbliku jirrappreżenta ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tar-riżultat, filwaqt li l-ġurija ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tar-riżultat. Dan ifisser li l-pubbliku għandu saħħa fir-riżultat ekwivalenti għal tliet (3) membri tal-ġurija (3/12).

Il-punti li jistaqsmu permezz tal-vot mill-publiku huma ta' tliett darbiet (3×) dawk ta' membru wieħed tal-ġurija, jiġifieri [3,6,9,12,15,18,21,24,30,36]. It-total ta' dawn il-punti huwa ta' mija erbgħa u sebgħin punt (174) li jammonta għall-tliett darbiet it-tmienja u ħamsin (58) punt imqassam minn kull membru tal-ġurija. L-unika eċċezzjoni hija każ ta' parità kif spjegat aktar 'il quddiem.

Il-kanzunetta li tirċievi l-akbar ammont ta' voti tirċievi l-punti massimi mit-televoting, jiġifieri sitta u tletin (36) punt. It-tieni kanzunetta tletin (30), it-tielet erbgħa u għoxrin (24), u nibqgħu sejrin hekk sakemm jitqassmu l-punti kollha imsemmija.

F'każ li żewġ kanzunetti jew iktar iġibu l-istess ammont ta' voti, dawn il-kanzunetti jieħdu l-istess ammont ta' punti skont il-klassifika. Imbagħad, il-punti ta' wara jiġu maqbuża.

Eżempju ta' parità: L-ewwel żewġ kanzunetti klassifikati jġibu elf (1000) vot, it-tielet kanzunetta ġġib disa' mitt (900) vot. L-ewwel żewġ kanzunetti jieħdu sitta u tletin (36) punt, filwaqt li t-tielet kanzunetta tieħu (erbgħa u għoxrin) 24 punt.

Eżempju ta' parità ieħor: Kanzunetta ġġib elf (1000) vot, imma tlett kanzunetti oħra jinzertaw iġibu disa' mitt (900) vot kull wieħed. L-ewwel kanzunetta tieħu sitta u tletin (36) punt, filwaqt li t-tlett kanzunetti l-oħra jieħdu (tletin) 30 punt kull wieħed. Il- kanzunetta li klassifikat fil-ħames post tieħu (tmintax) 18-il punt.

F'dawn il-każijiet ta' parità, il-piż tat-televoting jiġi ftit iktar minn dak ta' tliet ġurati għaliex se jkunu tqassmu iktar minn mija sebgħa u erbgħin (174) punt.

Is-sistema tal-votazzjoni ser tkun qed tiġi mħarsa min-Nutar tal-Gvern, fejn l-kompiti tiegħu huma li:

- jiżgura konformità mar-regoli tal-votazzjoni;
- jevita kwalunkwe żball fil-kalkolu, jiġbor, jiċċekkja u jiċċertifika, qabel ma' l-gradi jiġu allokati u mdaħħla f'kompjuter;
- jikklassifika l-punti;
- jiċċekkja l-karti tal-votazzjoni mimlija.

## Parità fir-Riżultat Finali

F'każ li wara li jkunu mgħoddija flimkien l-voti tal-ġurija u l-votazzjoni bl-SMS ikun hemm parità, il-kanzunetta li tkun kisbet l-ogħla numru ta' punti fil-votazzjoni bl-SMS għandha tiġi kklassifikata ogħla. Jekk din il-proċedura ma tkunx biżejjed biex tikklassifika l-kanzunetti li jkunu f'parità, il-kanzunetta li tkun kisbet l-ogħla numru ta' tnax (12)-il punt mill-ġurija, għandha tiġi kklassifikata ogħla. Dan il-metodu jista' jkompli jibqa' jintuża sakemm jiġu kkunsidrati n-numri ta' drabi kollha sa punt wieħed. Fil-każ improbabbli ħafna li wara li tkun applikata din il-proċedura xorta waħda jkun għad hemm parità fil-klassifikazzjoni, il-kanzunetta li tiġi kklassifikata ogħla tkun dik skont l-ordni tal-prestazzjoni fis-serata.

Dawn ir-regoli jgħoddu kemm għas-serata tas-semifinali kif ukoll għal dik finali.

## Riżultati

Il-kanzunetta li tkun irċeviet l-ogħla numru ta' punti għandha tiġi kklassifikata fl-ewwel post, il-kanzunetta li tkun irċeviet it-tieni l-ogħla numru ta' punti għandha tiġi kklassifikata fit-tieni post, u l-bqija tal-proċedura sal-aħħar kanzunetta.

Ir-riżultati tas-semifinali jitħabbru nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu waqt il-Lejla tal-Klassiċi. Il-preżentaturi jħabbru l-ismijiet tal-kanzunetti li kkwalifikaw mis-semfinali għall-finali fl-ebda ordni partikolari. Fis-serata finali, il-preżentaturi nisa se jkunu qed iħabbru t-tmien (8), l-għaxar (10) u t-tnax (12)-il punt allokati minn kull ġurija, filwaqt li l-preżentatur ewlieni se jħabbar il-punti allokati permezz tal-votazzjoni bl-SMS.

Il-kompożitur u l-artist/a/i tal-kanzunetta rebbieħa għandhom jirċievu t-trofew ta' Mużika Mużika waqt li l-kompożitur jirċievi l-premju monetarju.

Ir-riżultat tal-finali tal-votazzjoni bl-SMS kif ukoll dik ta' kull membru tal-ġurija ser ikun qed jiġi ppublikat fuq is-sit uffiċjali ta' Mużika Mużika, muzikamuzika.mt, wara li tispiċċa s-serata finali.

# EMENDA
# MUŻIKA MUŻIKA 2024
# VOTAZZJONI

### Voti b'SMS

Il-votazzjoni b'SMS ser tkun qed tinfetaħ mill-preżentaturi fil-bidu tas-serata u tagħlaq madwar għoxrin (20) minuta wara li tkun ġiet kantata l-aħħar kanzunetta.

### Ġurija

Il-bord tal-ġurija jikkonsisti minn disa' (9) membri nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu, u disa' (9) membri tal-ġurija nhar is-Sibt 16 ta' Marzu. Il-membri tal-ġurija tas-serata tal-Ħamis ser ikunu differenti mill-membri tal-ġurija tas-serata tas-Sibt. It-tim tal-produzzjoni se jkun qed jaħtar membru ieħor tal-ġurija f'każ li membru ieħor ma jkunx jista' jattendi.

### Parità fir-riżultat Finali

F'każ li wara li jkunu mgħoddija flimkien il-voti tal-ġurija u l-votazzjoni bl-SMS ikun hemm parità, il-kanzunetta li tkun kisbet l-ogħla numru ta' punti fil-votazzjoni bl-SMS għandha tiġi kklassifikata ogħla. Jekk din il-proċedura ma tkunx biżżejjed biex tikklassifika l-kanzunetti li jkunu f'parità, il-kanzunetta li tkun kisbet l-ogħla numru ta' tnax (12)-il punt mill-ġurija, għandha tiġi kklassifikata ogħla. Dan il-metodu jista' jkompli jibqa' jintuża sakemm jiġu kkunsidrati n-numri ta' drabi kollha sa punt wieħed.

Fil-każ li wara li tkun applikata din il-proċedura xorta waħda jkun għad hemm parità fil-klassifikazzjoni, jiġu ddikjarati rebbieħa t-tnejn li huma u l- premju monetarju jinqasam bejn iż-żewġ kompożituri taż-żewġ kanzunetti.

Ir-riżultati tas-Semifinali jitħabbru nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu waqt il-Lejla tal-Klassiċi. Il-preżentaturi jħabbru l-ismijiet tal-kanzunetti li kkwalifikaw mis-Semifinali għall-Finali fl-ebda ordni partikolari.

Fis-serata Finali, il-preżentaturi se jkunu qed iħabbru t-8, 10 u t-12-il punt allokati minn kull ġurija, kif ukoll il-punti allokati permezz tal-votazzjoni bl-SMS.

### Premijiet

It-tielet post – Ħamest elef ewro (€5,000) u trofew;
It-tieni post - Għaxart elef ewro (€10,000) u trofew;
L-ewwel post - Għoxrin elf ewro (€20,000) u trofew.

Il-premjijiet monetarji jingħataw lill-kompożituri rebbieħa.